MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 95/1998/1

**Victor Attard**

**v.**

**Maria Attard**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar jekk l-appell interpost minn Victor Attard ghandux jigi dikjarat dezert jew le minhabba l-fatt li, sa l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti l-istess appell ma kienx ghadu gie kawtelat.

2. L-appell gie appuntat ghall-ewwel dehra ghal nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru 2009. F'dik l-udjenza l-Qorti rrilevat

li r-riferta tal-Marixxall Paul Debrincat, li kienet tindika li l-imsemmi Victor Attard kien gie notifikat fid-9 ta’ Settembru 2009 “personalment”, kienet tghid li dan Attard kien gie notifikat b’”kopja ta’ tahrika ghas-smigh” u mhux, kif solitament isir fil-kaz ta’ appelli fejn ikun hemm bzonn li tigi depozitata l-kawtela skond il-ligi, “kopja ta’ tahrika [jew avviz] ghas-smigh u avviz ghall-hlas tal-kawtela”.

3. Il-Qorti ghalhekk riedet li jinstema’ bil-gurament il-Marixxall in kwistjoni. Dan xehed fl-udjenza tat-30 ta’ Novembru 2009. Huwa ddepona fis-sens – u mill-memorja, ghax l-uniku notament li kellu kienet semplici fotokopja tal-pagna li hemm a fol. 20 *tergo* tal-atti tal-appell, cioe` fotokopja tar-riferta ta’ Victor Attard u Maria Attard – li huwa kien naqas milli jindika fir-riferta ta’ Victor Attard li dan kien gie notifikat ukoll bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela. Huwa qal li kien cert li huwa kien innotifika lil dan Victor Attard <u>anke b’dana l-avviz dwar il-kawtela</u> ghax, skond l-istess xhud, ikun hemm dokument wiehed li <u>fuq naha jkollu l-avviz ghas-smigh u fuq in-naha l-ohra</u> (cioe` *a tergo*) <u>ikun l-avviz ghall-hlas tal-kawtela</u>. Hu qal li jiftakar li kien anke qal lix-xhud biex jiehu hsieb il-hlas tal-kawtela. Mistoqsi mid-difensur tal-appellant jekk jiftakarx jekk id-dokument li ghadda lill-appellant kienx semplici fotokopja jew original, l-imsemmi Marixxall qal li hu nnotifika dokument originali u mhux semplici fotokopja.

4. Din il-Qorti kienet toqghod fuq il-kelma ta’ dan il-Marixxall li kieku ma kienx ghall-fatt li fil-process, annessa mal-kopertina tieghu fuq wara, hemm proprju <u>l-kopja originali tal-avviz ghas-smigh u avviz ghall-hlas tal-kawtela li suppost li giet moghtija lill-imsemmi appellant</u>. L-original ta’ dan id-dokument – cioe` dak li jkun iffirmat *di proprio pugno* mill-President ta’ din il-Qorti – jinsab a fol. 21 u 22 tal-atti. Ghalhekk huwa ferm improbabbli li hargu zewg kopji originali ta’ dan id-dokument (haga li ma hemm ebda skop ghaliha) u li wahda minnhom giet notifikata kif qed jghid ix-xhud Paul Debrincat. Hija aktar plawsibbli t-tezi, proposta mill-abbili difensur tal-appellant, li kullma gie notifikat bih Victor Attard kienet semplici fotokopja tal-avviz ghas-smigh <u>minghajr dik il-parti</u> (li tiehu faccata ohra) <u>fejn ikun hemm l-avviz ghall-hlas tal-kawtela</u>. Fic-

cirkostanzi c-“certezza” li wera l-imsemmi Marixxall fid-deposizzjoni tieghu titlef il-forza kollha taghha, u dan anke fid-dawl tal-fatt li appena li l-appellant sar jaf, wara l-ewwel udjenza, li kellu jhallas il-kawtela, huwa effettivament hallasha.

5. Fi kliem iehor, din il-Qorti mhix sodisfatta li fid-9 ta’ Settembru 2009 l-appellant kien gie effettivament notifikat ukoll bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela.

6. Konsegwentement f’dan il-kaz ma hemm ebda lok ghad-deserzjoni tal-appell minhabba nuqqas ta’ hlas ossia depozitu tal-kawtela fiz-zmien li trid il-ligi galadarba ma hemmx prova sodisfacenti li qabel l-ewwel udjenza Victor Attard kien effettivament notifikat bl-avviz ghal tali hlas.

7. Ghall-motivi premessi, tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-appell. Tordna wkoll lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, u lir-Registratur, Qrati u Tribunali f’Ghawdex, sabiex jassiguraw – u din il-Qorti qed izzommhom responsabbli fin-nuqqas – li l-avvizi ghas-smigh u l-avvizi ghall-hlas tal-kawtela li johorgu mir-Registru ta’ din il-Qorti u li jkollhom jigu notifikati f’Ghawdex (i) jigu trasmessi minnufih lill-Ufficjali Ezekuttivi responsabbli f’Ghawdex biex jigu hekk notifikati, (ii) li jigu trasmessi mhux permezz ta’ *fax* izda li l-kopja originali tigi hekk trasmessa u notifikata, (iii) li r-riferta tal-ufficjal ezekuttiv tkun maghmula kif suppost (b’indikazzjoni cara ta’ x’gie notifikat, lil min, u bin-numru tal-karta tal-identita` tal-persuna li lilha l-att ikun gie notifikat, liema karta tal-identita` ghandha tintwera lill-Ufficjal Ezekuttiv) u li tkun legibbli, u (iv) li r-riferta tkun imwettqa bil-gurament tal-imsemmi Ufficjal Ezekuttiv (kif fil-fatt gja` jsir fil-Gzira ta’ Ghawdex). Komunika ta’ dan il-provvediment lill-imsemmija zewg Registraturi.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------